MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Numru. 266/2014

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

-vs-

Massimo Grixti li ghandu karta ta' l-identita numru 478189(M) ta' 24 sena bin Anthony u Josephine nee' Oliva, imwieled Pieta' fit-23 ta' Settembru 1989 u residenti numru 60, Flat 6, Triq l-Isptar Valletta

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-3 ta' Gunju 2014 gewwa Belt Valletta u/jew f'dawn il-gzejjer u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu stess ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema

atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provvizorja impost mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr Paul Coppini LL.D. fil-11 ta' Frar 2012 u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. il-Qorti mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Massimo Grixti u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma ta' €3000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulati fl-artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. u aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Fuq ammissjoni ta' l-imputat.

Il-Qorti;

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 579 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) qeghda taqta' u tiddeciedi l-kaz billi ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tiegh u tikkundannah tliet (3) xhur prigunerija.

In vista tal-piena moghtija l-Qorti qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €3,000 garanzija personali moghtija mill-akkuzat fl-ghoti tal-helsien mill-arrest fil-11 ta' Frar 2013.

Il-Qorti in vista ta' l-appell ta' l-istess akkuzat sabiex jinghata l-ghajnuna ghall-vizzju tad-droga, tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-akkuzat jinghata l-ghajnuna mehtiega sabiex jattendi programm.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------